MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Numru 240/2003

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)

vs

Anthony Bonavia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 249653(M) li hu akkuzat talli:

1. bejn it-2 ta’ Ottubru 2001u s-26 ta’ April 2002, gewwa Bormla kkommetta serq ta’ karozza tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta’ registrazzjoni HAD-982 ghad-detriment ta’ Paul Scerri minn Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix Lm1000, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. fl-istess cirkostanzi, f'Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibighhom jew imexxihom;

3. fl-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal sett ta' number plates foloz (AAD-807) fuq il-vettura Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni HAD-982;

4. fl-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif, billi biddel in-numru tax-chassis tal-vettura Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni HAD-982;

5. fl-istess cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentament ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi biddel in-numru tal-magna tal-vettura Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni HAD-982;

6. fl-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza sett ta' number plates foloz (AAD-807) fuq vettura ohra tal-ghamla Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni HAD-982;

7. saq l-istess karozza Austin Mini bin-numru ta' registrazzjoni HAD-982 minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u talli ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ghal terzi persuni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota mibghuta mill-Ufficcjal Prosekutur.

Ikkonsidrat:

Li stante l-mewt tal-imputat fil-mori ta’ dawn il-proceduri tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------